**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 200/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Ibrahim Mohammed Shalh Adam**
**(ID 78742(A))**

**Illum, 23 ta' Novembru 2015**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Ibrahim Mohammed Shalh Adem ta' 25 sena, bin Mohammed Shalh u Fatima, imwieled l-Eritrea nhar l-1 ta' Gunju 1990, minghajr residenza f'Malta u detentur tal-karta tal-identita` Maltija numru 78742A;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-4 ta' Awwissu 2015 u matul il-jiem ta' qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu

8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti saljenti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar l-4 ta' Awwissu 2015, il-Pulizija rceviet rapport illi kien qed isir xi serq fil-bajja ta' San Gorg, gewwa Paceville. Hekk kif PC 323 Cedric Buhagiar, PC 1296 Warren Mifsud u PC 1039 Marshall Mallia marru fuq il-post, huma nnutaw xi persuni[1] ta' karnaggjon skur bilqeghda, iharsu lejn il-bajja. PC 323 Cedric Buhagiar mar fuq l-imputat odjern u minn tfittxija li saret fuq il-persuna tieghu, instabu pakkett tas-sigaretti *Rothmans* ahmar li kien jikkontjeni tmien bicciet suspettati raza tal-*cannabis*, li kienu imgezwrin go karta tal-fidda (ta' pakkett ta' sigaretti), ammont ta' flus u *mobile phone*. Ma nstab xejn illegali fuq il-persuni l-ohrajn u dawn gew rilaxxjati.[2] L-Ispettur Malcolm Bondin esebixxa *inter alia* l-flus misjuba fil-pussess tal-imputat li b'kollox kienu jammontaw ghas-somma ta' €145.[3]

---

[1] Skond ix-xhieda ta' PC 323 Cedric Buhagiar, dawn kienu hames persuni (a fol. 17 tal-process); PC 1039 Marshall Mallia jghid illi kien hemm ammont sostanzjali ta' persuni ta' karnaggjon skura (a fol. 22 tal-process) u PC 1296 Warren Mifsud jghid illi kienu grupp nies, bejn sitta jew seba' persuni.

[2] Ara x-xhieda ta' PC 323 Cedric Buhagiar (a fol. 16 *et seq* tal-process), ix-xhieda ta' PC 1039 Marshall Mallia (a fol. 21 *et seq* tal-process), skond liema xhieda dan il-kaz sehh ghall-habta tat-3.30 a.m.; u x-xhieda ta' PC 1296 Warren Mifsud (a fol. 24 *et seq* tal-process u a fol. 41 *et seq* tal-process), li wkoll xehed illi dan sehh ghall-habta tat-3.30 a.m.

[3] Ara x-xhieda tal-Ispettur Malcolm Bondin a fol. 14 tal-process.

Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[4], jirrizulta illi d-dokument mghoddi lilu ghall-analizi jikkonsisti f'borza tal-evidenza bin-numru S00828747 li fih kaxxa tas-sigaretti vojta, karta ta' lewn il-fidda u sustanzi ta' lewn kannella. Skond il-konkluzjonijiet tal-istess espert, fuq estratt mehud mis-sustanzi ta' lewn kannella instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Il-piz totali tas-sustanzi kien ta' 9.67 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 6%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht it-Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Dwar id-droga misjuba fil-pussess tieghu, l-imputat m'huwiex jikkontesta l-pussess tal-istess, anzi jammetti li din kienet tieghu u li kien ser juzaha huwa stess. Dak li qed jikkontesta l-imputat ghalhekk m'huwiex il-pussess tar-raza tal-*cannabis*, izda l-pussess bl-aggravanti. Skond l-imputat din ir-raza kienet intiza biss ghall-uzu personali tieghu. Dwar ir-reat tal-pussess bl-aggravanti, intqal hekk fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*"

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata*

[4] A fol. 49 *et seq* tal-process.

*fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Kif inghad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi</u>**:

" *... l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li <u>normalment</u> wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101.*"

L-imputat irrilaxxja stqarrija fl-4 ta' Awwissu 2015 fis-1.45 p.m. u dan wara li nghata s-solita twissija illi kellu d-dritt li jibqa' sieket, izda dak li jghid jista' jintuza bhala prova u wara li ezercita d-dritt tieghu li jiehu parir legali.[5] Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi huwa ilu jghix Malta mis-sena 2012, li m'ghandux indirizz fiss u li sa tlieta jew erba' xhur qabel, kellu impjieg ma' kumpanija bhala *cleaner*, apparti li jaghmel xi xoghol kazwali bhal *dishwashing*, ghalkemm ma jaghmilx dan ix-xoghol kuljum. Huwa jghid illi minn dan ix-xoghol kazwali, fl-erba' xhur ta' qabel huwa dahhal madwar €600. Jghid illi m'ghandux kontijiet bankarji, vetturi jew proprjetajiet fuq ismu. Jghid ukoll illi huwa jmur Paceville madwar tlett ijiem f'xahar u li meta jmur generalment iqatta' xi tlieta jew erba' sighat u imbaghad imur id-dar. F'lejl gewwa Paceville jonfoq bejn €70 u €100. Dwar il-lejl in kwistjoni, l-imputat jghid illi huwa kien qieghed gewwa San Giljan, li mar Paceville u xtara *burger* u *Red Bull*. Wara li kiel, mar fit-triq ta' hdejn il-Havana u ltaqa' ma' persuna Afrikana li offrielu d-droga, li l-imputat qallu li kellu burdata hazina u dan qallu biex isib post fil-kwiet u tah id-droga, fil-waqt illi l-imputat hallsu. Imbaghad, kien hemm zewg tfajliet li cemplu lill-Pulizija, waslu l-Pulizija, arrestaw xi persuni ohrajn u lilu sabulu d-droga fil-but. Dwar id-droga li nstabet fil-pussess tieghu, l-imputat jghid illi din hija tieghu u li xtraha ghalih bil-prezz ta' €50. Mistoqsi kemm jikkonsma *cannabis*, l-imputat jghid illi huwa ma jpejjipx *cannabis* u li din kienet ser tkun l-ewwel darba. Mistoqsi kif, la darba kien ser jaghmel uzu mill-*cannabis* l-ewwel darba, kellu fil-pussess tieghu bizzejjed *cannabis* biex jaghmel xi ghaxar *joints* jew izjed, l-imputat qal illi ma kellux idea dwar kwantitajiet. Jghid illi l-persuna li kienet ser tbieghlu d-droga kien ser jaghmillu "*one piece*", imma dan telaq u qallu li kien ser jigi lura u jaghmillu *joint*. Jghid illi huwa ma staqsiex kemm kellu bzonn sustanza sabiex

[5] Ara l-istqarrija esebita a fol. 8 *et seq* tal-process.

jaghmel *joint*. L-imputat jghid illi huwa ma tax u lanqas biegh lil terzi persuni minn din is-sustanza u li qatt ma ha droga ohra. Jghid illi din il-*cannabis* kien ser ipejjipha hu. Fir-rigward tal-flus li nstabu fil-pussess tieghu, jghid illi dawn huma tieghu u li kienu gejjin mid-dhul tax-xogholijiet kollha li kien qed jaghmel. Jerga' jichad li biegh *cannabis* gewwa Paceville u jghid illi l-flus li nstabu fuqu kienu t-tfaddil kollha li kellu u li ha flusu kollha Paceville.

Kif inghad, fil-pussess tal-imputat fil-lejl in kwistjoni, instabu tmien bicciet tar-raza tal-*cannabis* fil-piz ta' 9.67 grammi. Li n-numru ta' bicciet misjuba kien tmienja jirrizulta kemm mix-xhieda ta' PC 323 Cedric Buhagiar, kif ukoll mix-xhieda ta' PC 1039 Marshall Mallia u x-xhieda ta' PC 1296 Warren Mifsud. Il-Qorti rat hija stess id-droga in kwistjoni li fil-fatt tikkonsisti f'tmien bicciet u hames bicciet ohrajn zghar hafna. Erbgha minn dawn it-tmien bicciet huma approssimattivament tal-istess daqs, mentri l-erbgha l-ohra huma izghar. Fl-ewwel lok, il-Qorti tikkunsidra illi dan l-ammont ta' droga, m'huwiex ammont li wiehed normalment jassocjah ma' uzu personali. Meta wiehed iqis li normalment doza tipika ta' *cannabis* f'*joint* hija ta' 0.2 grammi[6], dan ifisser illi la darba l-ammont ta' *cannabis* misjub kien ta' 9.67 grammi, l-imputat kellu bizzejjed sustanza ghal 48 *joint* u mhux ghal 9 *joints* kif tghid id-difiza fis-sottomissjonijiet taghha. In oltre il-Qorti tqis ukoll illi l-mod kif kienet maqsuma d-droga, inkluz li erbgha minnhom bejn wiehed u iehor kienu tal-istess daqs, huwa fattur iehor sinjifikanti, ghaliex huwa ben risaput illi generalment dan huwa l-mod kif tigi spaccjata r-raza tal-*cannabis* u cioe` f'bicciet zghar.

Issa fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi din kienet l-ewwel darba li kien ser jabbuza mir-raza tal-*cannabis* u jaghti x'jifhem illi effettivament huwa xtraha sabiex jaghmel uzu minnha fil-lejl in kwistjoni ghaliex kellu burdata hazina, apparti illi meta mistoqsi kif kien ser ipejjep il-*cannabis*, huwa jghid ukoll illi min bieghha lilu kellu jmur lura biex jaghmillu *joint*. Ghalhekk, l-imputat jaghti l-impressjoni li lanqas kien jaf jaghmel *joint*, apparti li jghid illi huwa ma kellux idea dwar kwantitajiet ta' droga u lanqas ma kien jaf kemm kellu bzonn droga biex jaghmel *joint*. In-nuqqas ta' attendibilita` u kredibilita` ta' dak li jghid l-imputat f'din il-parti tal-istqarrija tieghu fil-fehma tal-Qorti huwa ferm evidenti, ghaliex min ikun ser jabbuza mid-droga ghall-ewwel darba ma jixtrix kwazi ghaxar grammi, izda jixtri kwantita` ferm izghar. Anke jekk kif jghid hu, huwa ma kellux idea dwar kwantitajiet, minn harsa lejn id-droga esebita, huwa ferm evidenti illi din id-droga hija ta' kwantita` ferm ikbar minn dik li wiehed jehtieg biex jaghmel *joint*. Imbaghad kif tajjeb irrimarkat il-Prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet taghha,

[6] *World Drug Report 2006 Volume I. Analysis*, pagna 96 *et seq.*

ghalkemm l-imputat jghid illi dakinhar kellu burdata hazina u kien ghalhekk li xtara d-droga biex jabbuza minnha hu, biss fil-pussess tieghu ma nstab xejn ghajr id-droga, flus u *mobile* li bih l-imputat seta' jaghmel uzu mill-*cannabis* fil-lejl in kwistjoni, bhal per ezempju karta tar-rizla. Kif lanqas ma huwa kredibbli jew attendibbli wara kollox illi min bieghlu d-droga kien ser imur lura u joqghod jaghmillu *joint*, meta skond hu, dan lanqas kien jaf min hu – fatt li attwalment ma jidhirx li sehh ghaliex l-imputat fl-istqarrija tieghu, jghid illi din kienet ser tkun l-ewwel darba li kien ser jikkonsma l-*cannabis* li jfisser ghalhekk illi sal-hin li nqabad, skond hu, kien ghadu ma kkunsmax droga u dan meta terga' u tghid, il-pulizija waqqfuh ghall-habta tat-3.30 a.m.

Irid jinghad ukoll illi fis-sottomissjonijiet taghhom, kemm il-Prosekuzzjoni, kif ukoll id-difiza jaghmlu referenza ghar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada[7] ossia ghar-ritratti li jinsabu esebiti bhala parti mill-istess relazzjoni. Il-Prosekuzzjoni tissottometti illi dawn jaghmlu prova li, flimkien ma' provi ohrajn imressqa minnha, juru li l-pussess tar-raza in kwistjoni kien wiehed aggravat, fil-waqt illi da parti taghha, id-difiza tissottometti illi minn dawn ir-ritratti jirrizulta proprju li l-imputat kien ipejjep (il-*cannabis*) u allura huwa ma qalx il-verita` fl-interrogatorju tieghu meta qal illi din kienet l-ewwel darba li kien ser jaghmel uzu minn din id-droga. B'daqshekk pero` ossia billi ma qalx il-verita` f'dan ir-rigward, ma jfissirx skond id-difiza, illi l-imputat huwa hati tal-pussess bl-aggravanti.

Huwa minnu illi r-ritratti esebiti fir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada juru lill-imputat f'ritratt minnhom ipejjep dak li jidher bhala *joint* u f'ritratt iehor jixghel dak li jidher bhala *joint* twil, apparti li hemm ritratti ohrajn ta' sustanza hadranija gewwa boroz tal-*plastic*. Ghalkemm wiehed ma jistax jghid b'certezza x'inhija din is-sustanza li tidher fir-ritratti jew x'kien qed ipejjep ezattament l-imputat, biss il-Qorti tqis illi sal-grad tal-probabbli jirrizulta ppruvat illi effettivament l-imputat gieli pejjep il-*cannabis* u li ghalhekk, kif tissottometti d-difiza, din ma kinitx l-ewwel darba li l-imputat kien ser jikkonsma l-*cannabis*, kuntrarjament ghal dak li jghid l-fl-istqarrija tieghu. Kif ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, lanqas ma huwa minnu li l-imputat ma kellux idea dwar kwantitajiet, kif jghid fl-istqarrija tieghu u lanqas ma huwa minnu li huwa kellu bzonn l-ghajnuna tat-terza persuna li minghandha xtara d-droga sabiex jaghmillu *joint* jew biex jurih kif dan isir. Izda l-fatt li wiehed jaghmel uzu mid-droga ma jeskludix necessarjament illi huwa jkollu ammont ta' droga fil-pussess tieghu li ma tkunx intiza esklussivament ghall-uzu tieghu. Del resto id-difiza ma ressqitx xi prova lanqas sal-grad tal-probabbli, li turi illi l-imputat kellu xi vizzju sostanzjali ta' droga, izda a bazi tal-provi mressqa

[7] A fol. 84 *et seq* tal-process.

mill-Prosekuzzjoni, uriet biss illi l-imputat ghamel uzu mill-*cannabis* qabel dan il-kaz. Veru wkoll dak li tghid id-difiza illi ghalkemm l-imputat ma kienx veritier fl-istqarrija tieghu, dan ma jfissirx illi ghalhekk biss huwa hati tal-pussess bl-aggravant, izda mill-banda l-ohra, a bazi ta' dak li jghid fl-istqarrija tieghu, il-Qorti tqis illi certament l-imputat m'huwiex kredibbli, kif lanqas ma huwa kredibbli ghalhekk meta jghid illi d-droga kienet intiza biss ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti tqis ukoll illi l-imputat, skond l-istqarrija tieghu, kellu dhul ta' madwar €600 fl-ahhar erba' xhur. Skond hu, imbaghad, kien imur Paceville madwar tliet darbiet f'xahar u f'kull okkazzjoni kien jonfoq bejn €70 u €100. Ghalhekk jidher li l-imputat kien jonfoq ammont ta' flus li qajla jista' jinghad li kien jikkombacja mad-dhul tieghu. Jekk kien imur Paceville tliet darbiet f'xahar, dan ifisser milli qal hu, li kien jonfoq bejn €210 u €300 fix-xahar u dan apparti li naturalment jehtieglu jiekol, jilbes u jghix. L-imputat ma setax imantni din il-hajja, bid-dhul ta' bejn wiehed u iehor €150 f'xahar. Imbaghad il-Qorti tqis ukoll illi, fil-mument tal-arrest tieghu, fil-pussess tieghu l-imputat kellu s-somma ta' €145 u dan apparti li skond hu, huwa xtara d-droga bil-prezz ta' €50 u xi ikel u xorb, kif jghid fl-istqarrija. Dan ifisser illi l-imputat kellu tal-inqas €200 fil-pussess tieghu fil-lejl in kwistjoni. Jekk l-imputat dahhal is-somma ta' madwar €600 fuq perjodu ta' erba' xhur, apparti l-infieq tieghu gewwa Paceville f'dak il-perjodu, il-Qorti ma tarax kif l-imputat kien ghad fadallu s-somma ta' €200 fil-pussess tieghu fil-lejl in kwistjoni mid-dhul ta' dawn l-istess xogholijiet. F'dawn ic-cirkostanzi, huwa tassew inverosimili illi l-imputat ma kellux dhul iehor minn band'ohra sabiex imantni l-istil ta' hajja tieghu.

F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, meta wiehed iqis primarjament l-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess tal-imputat, il-mod kif din kienet maqsuma f'diversi bicciet, li l-imputat kien qieghed fil-pussess ta' din il-kwantita ta' droga gewwa Paceville, l-ammont ta' flus li nstabu fuqu tenut kont tad-dhul tieghu u li c-cahda tal-imputat li huwa qatt biegh droga, m'hijiex wahda kredibbli, il-Qorti tasal ghall-konvinciment morali illi din id-droga ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ippruvat l-ewwel imputazzjoni fil-grad rikjest mil-ligi. Isegwi wkoll illi tirrizulta ppruvata anke t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.

F'dan ir-rigward, id-difiza tissottometti illi t-tieni imputazzjoni hija biss alternattiva ghall-ewwel wahda, li l-imputat ma jistax jinstab hati taz-zewg imputazzjonijiet la darba dawn jirreferu ghall-istess zmien u fatti u illi la darba tirrizulta l-ewwel imputazzjoni ma tistax tirrizulta t-tieni wahda wkoll. Biss il-

Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Ma jistax jinghad illi t-tieni imputazzjoni hija wahda alternattiva ghall-ewwel wahda, ghaliex dan jista' jinghad biss f'dawk il-kazijiet fejn jekk tirrizulta imputazzjoni, necessarjament ma tirrizultax l-ohra, ghaliex din tal-ahhar tkun alternattiva ghal tal-ewwel. F'dan il-kaz jirrizulta l-pussess u li dan il-pussess kien wiehed aggravat u ghaldaqstant, it-tieni imputazzjoni tigi assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok, il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta.

Qieset ukoll l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tal-imputat u kif din kienet maqsuma.

Kif inghad, ghal fini ta' piena, ikkunsidrat ukoll illi r-reat fit-tieni imputazzjoni huwa assorbit fir-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu (bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni) u qed tikkundannah ghall-piena ta' **ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva** – mil-liema ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li taghhom qieghed hawn jinstab hati – u **multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750)**.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri ossia s-somma ta' mija, sitta u hamsin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€156.88), rapprezentanti l-ispejjez rigwardanti r-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut u s-somma ta' tliet mija, tmienja u erbghin Euro u sebgha u sittin centezmu (€348.67), rapprezentanti l-ispejjez tar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, b'kollox ammontanti ghas-somma ta' hames mija u hames Euro u hamsa u hamsin centezmu (€505.55).

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument MB6, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna r-rilaxx tal-*mobile* esebit bhala Dokument MB7 favur il-hati u ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tas-somma ta' mija, hamsa u erbghin Euro (€145), esebita bhala Dokument MB8 favur il-Gvern ta' Malta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat